MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 19/2009

John Zarb bhala mandatarju specjali ta' huh l-assenti
George Zarb
vs
Barry Calvert

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' John Zarb bhala mandatarju specjali ta' huh l-assenti George Zarb li bih espona:

Illi r-rikorrent nomine akkwista titolu ezekuttiv kontra Barry Calvert I.D. 2010160P bis-sahha ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju 1993 (kopja legali giet annessa mar-rikors u immarkata Dok MG1).

It-terminu ta' ghaxar (10) snin ghall-ezekuzzjoni ta' dan it-titolu ezekuttiv, kontemplat fl-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghalaq.

Illi r-rikorrent nomine jikkonferma li dwarha qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, filwaqt li jikkonferma li dan id-dejn ghadu dovut fl-intier tieghu, flimkien mal-imghaxijiet legali.

Ghaldaqstant ir-rikorrent nomine jitlob lil din il-Qorti l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, indikat fid-dokument esebit u immarkat Dok MG1.

Rat id-dokument ipprezentat mar-rikors.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat il-verbal odjern li permezz tieghu Dr. Camilleri ghall-intimat jiddikjara li hu awtorizzat li jammetti t-talba fit-termini hawn taht imsemmija:

1)Illi l-ammont jigi limitat ghal €15,000 li jinkludi s-sorte, imghax u l-ispejjez relattivi inkluz tal-kawza odjerna;

2)Il-hlas isir kollu sal-ahhar ta' din is-sena fi skadenzi ta' €1,500 fix-xahar (u cioe` fil-25 ta' kull xahar);

3)Spejjez bla taxxa;

4)Il-Qorti taghti sentenza f'dawn it-termini.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi fil-kaz ta' ammissjoni fit-termini specifikati fil-verbal il-Qorti tilqa' t-talba billi tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza msemmija fl-ammont ta' €15,000 (li jinkludu s-sorte, imghax u l-ispejjez relattivi inkluz tal-kawza odjerna), liema hlas ghandu jsir kollu sal-ahhar ta' din is-sena fi skadenzi ta' €1,500 fix-xahar (u cioe` fil-25 ta' kull xahar).

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------